TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

# TIRNEXXI...

Għamilna żmien miċ-ċokon
bit-timbru mit-twelid;
destin li diġa` mfassal
bla kas ta' dak li trid.

Għax hekk sar mill-imgħoddi
li meta nkunu kbar
it-tifel bħal missieru
u t-tifla xogħolha d-dar.

Iż-żmien iżda parir tana
li t-tagħlim iżomm u jħoll.
M'għandna qatt xi bieb ngħalqulhom
biex l-ulied jirnexxu lkoll.

**Ref:**

Jekk temmen fik innifsek,
kollox jista' jkun
tinsisti f'kulma tagħmel
inti tkun fit-tmun
biex tagħżel il-ġejjieni
bla timbru sa minn kmieni
tirnexxi...
u bir-raġun.

Bħal qisha kienet drawwa
li x-xjenza għas-subien,
il-bniet għal segretarji
bla qatt ma jilħqu mkien.

Iż-żmien jinbidel dejjem,
warrabna l-ħsieb qadim.
Is-sess m'għandux jifridna
fil-għażla tat-tagħlim.

Lil uliedna neħilsuhom
mill-istigmi u t-tabu`.

TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

Għandhom dritt għax-xewqat tagħhom
hi min hi jew hu min hu.

**Ref:** Jekk temmen fik innifsek eċċ...

joe julian farrugia